**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 23/07 - L-Erbgha 11 ta' Gunju - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti u Management Letter)
4. Rapport tal-ewwel kwart tas-sena.
5. Impjegata gdida
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li l-Kunsill ried japprova erba' settijiet ta' Minuti peress li kienu saru erba' laqghat b'kollox .

ii Tresqu l-Minuti bin-numru 19 tal-laqgha li saret fid-29 ta' April 2014. Saret korrezzjoni fil-pagna 6 , paragrafu 8, fejn riedet tizdied li il-Kunsill qabel non com. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal f'pagna 7,numru 9, huwa kien qal li fuq il-Banda Barranija l-Kunsill kul ma kien se jhallas kienu t-transport u xi drinks ghalihom bhala ringrazzjament tal-Wirja li kienu se jaghtu.

iii Tresqu wkoll il-Minuti bin-numri 20, 21, u 22.

iv Perss li ma kienx hemm korrezzjonijiet aktar il-Minuti kollha ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J.Pace.

2 **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li l-flad lights ta' fejn l-Iskola twahlu u xelu. Dawl ta' fejn l-Iskola

ii. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li s-software li l-Kunsill kien approva li jixtri gie installat u l-amministrazzjoni bdiet thadmu, specjalment fil-Customer Care. Software installat

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-gbir ta' l-iskart separat qed jingabar mil-Kuntrattur Tal-Green Pak li qed issa juzaw lis-Sur Salvu Mifsud ghal dan il-gbir , kif kien r-rakomanda l-Kunsill. Gbir ta' skart seperat

iv Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ghamel l-applikazzjoni mehtiega mal-MEPA fuq l-Open Gym. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ghandu jikteb lil-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Aguis , sabiex jara jekk l-iskema orriginali li kienet harget inbidlitx. Il-Kunsill qabel. Open Gym

v Is-Sindku qal li l-Kunsill kien hareg it-Tender tal-Live streaming . Tender tal-Live Streming

vi Is-Sindku qal li l-Program tal-wirja tal-Bandisti barranin kien mar tajjeb hafna u t-transport gabu b'xejn. Il-Vici Sindku qal li huwa ma setax jattendi peress li kellu mpenji ohra.

Vii Is-Sindku qal li kien qed jistenna risposta ghan-nom tal-Kunsill fuq ix-xoghlijiet li kien ghamel il-Kuntrattur Jimmy Vella fuq il-Major Patching ta' Triq Santa Marija minghand il-Perit tal-Kunsill. Major Patching fi Triq Santa Marija

Il-Kunsillier Lawrence Bonnici qal li jixtieq li din l-issue fuq Triq Santa Marija ghanda tigi fuq L-Agenda , din giet is-sekondata mil-Vici-Sindku.

Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din waqt l-ahhar ohra , u l-Kunsillier Frans Aguis qabel ukoll li ghall din il-laqgha ghandu jkun prezenti l-Perit sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehu decizzjoni finali.

Sar qbil li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghat jinforma lil-Perit sabiex jaghmel ir-rapport li kellu jaghmel fuq il-Major Patching ta' Triq Santa Marija sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehu d-decizzjoni tieghu.

Viii Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lil-Transport Malta fuq l-approvazzjoni tal-Unloading Bay ta' Triq Dejma quddiem il-WJA, sabiex tigi modifikata l-bankina u l-Unloading space tigi maqtuha mil-Bankina sabiex din tigi gol-Bankina.

Ix Is-Sindku qal li l-Kunsill kien tah il-Permess tat-Tower Crane u kien gab ic-certifikazzjonijiet mehtiega minghand l-Engineer. Huwa wkoll kin gab polza kopja tal-polza ta' l-assigurazzjoni fuq Public Liability li kienet ghal Valur ta ' Euro 500,000. Is-Sgretraju qal li huwa kien ir- Ghob tal-Permess tat-Tower Crane

rakomandali li din il-Polza ghandu jolliha ghal Valur ta' Euro 1,000,000, sabie jekk jinqala xi accident , ghal inqas huwa jkun kopert sa din is-somma. Huwa qabel.

3 **<u>Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti u Management Letter.)</u>** SKEDA

i Is-Segretraju Ezekuttiv Paul J. Pace qal li xtaq li qabel ma jigu approvati l-lista tal-pagamenti jispjega ftit il-pozizjini Finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

ii Is-Segretraju Ezekuttiv qal li meta kienu hargu r-rapport ta' l-ahhar Finacial quater tas-sena 2013, il-Kunsill kien taht it-treshold tat-10% Financial Indicater. Dan kien gara minhabba l-commotments li l-Kunsill kellu l-aktar fuq x-xoghlijiet relatati mal-PPP.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li huwa ried jaccerta lil-Kunsill , li l-Kunsill kien se jkollu l-fondi bizzejjed sabiex din is-sena jkun jista' jimxi ma l-obbligi kuntratwali li ghandu l-Kunsill.

Ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv, flimkien mal-Accountant tal-Kunsill kienu ghamlu ezercisju finanzjarju dettaljat, sabiex jigi stabbilit ezat x'ghandu jaghti l-Kunsill u kemm se jkun kapaci jonora l-pagamenti li ghandu. Dan seta issir billi gew registrati l-fatturi kollha li kellu l-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li sa' Mejja 2014, il-Kunsill kellu l-Bank is-somma ta' Euro 95,000 imma kien hemm ammont ta' madwar Euro 12,000 f'cekkiijiet ta' pagamenti li kienu ghadhom Ma ssarfux. Ghalhekk il-bilanc attwali ta' cash il-Bank kien ta' madwar Euro 83,000.

Is-Segretraju Ezekuttiv qal li wara gew inputjati l-Invoices (fatturi) li l-Kunsill ghandu jaghti fis-Sage tal-Kunsill , inhareg rapport dettaljat ta' kemm il-Kunsill ghandu jaghti flus. Dan ir-rapport gie cerkolat lil-Kunsilliera kollha u qed jigi anness mal-Minuti .

Jidher li l-Kunsill ghax-xahar ta' Mejju 2014 ghandu jghati s-somma ta' madwar Euro 20,000 u qed jipproponi li jhallas is-somma ta' Euro . Liema somma hemm inkluz Euro 15,000 bhala pagament lil-Kunttrattur Vella Group ghax-xoghlijiet tal-PPP li kienu saru, u liema somma l-Kunsill suppost sa Marzu 2014 kellu jhallas lil Vella Group Euro 50,000 li hija s-somma dovuta ta' 20% skont il-ftiehim tal-PPP.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-ammonti li ghandu jaghti lil Vella Group kemm tal-PPP u kemm tax-xoghlijiet relatati mall PPP li jammontaw ghal madwar Euro 90,000, bl-ammont dovut tal 20% fuq il-PPP.

Sar qbil li il-Kunsill jhallas lil-Vella Group ammont ta' flus kull xahar sa l-ahhar tas-sena sabiex dan l-ammont jigi mhallas u l-Kuntrattur Vella Holdings jintrabat li ma jiehux interessi dovuti lilu.

Il-Kunsill qabel unimament.

Ghalqastant is-Segretarju Ezekuttiv qal li sabiex il-Kunsill jonora l-commotments tal-Kunsill ma ghandu s-ssir l-ebda infiq kapitali sa l-ahhar tas-sena ghas-Cash Flow tal-Kunsill ma tippermettix li ssir nfiq strordinarju.

Il-Kunsill qabel unimament .

Is-Sindku is-Sur Joseph Abela ressaq ghal approvazzjoni l-lista tal-Pagamenti ghax-xahar ta' Mejju 2014.

Wara li saru xi mistoqsijiet u gew klerifikati, sar qbil unimament li din il-lista tal-pagamenti ghandha tigi approvata .

**Management Letter**:

iii Is-Sgretarju Ezekuttiv qal li kull sena l-Awdituri jibghatu lil-Kunsill l-Management Letter, huwa qal li l-parti teknika fuq l-accounts il-Kunsill ghadiehom lil-Accountant tal-Kunsill u dan lesta it-twegiba tieghu u s-Segretarju Ezekuttiv kien lesta sa pagna 20 fuq l-affarijiet amministrattivi, fejn qal li sa ghada dan ir-rapport kellu jkun lest.

Sar qbil li hekk kif is-Segretarju Ezekuttiv ilisti dan ir-rapport ghandu jibghatu lil-Kunsilliera kollha sabiex jarawh, u wara huwa ghandu jibghatu lil-Entitajiet kollha mehtiega fosthom lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 4 Rapport Finanzjarju tal-ewwel Kwart tas-sena 2014

i Is-Segretraju Ezekuttiv Paul J. Pace ressaq l-ewwl rapport Finanzjarju tas-sena 2014. Huwa qassam kopja ta' dan ir-rapport lil-Kunsilliera kollha u wara ta' spejgazzjoni dettaljata tieghu.

F'dan ir-rapprt jidher li l-Kunsill bejn Jannar 2014 u Marzu 2014 hareg aktar milli dahhal bis-somma ta' Euro 26,000. Il-Kunsill kullu Bilanc ta' sa l-ahhar tas-sena 2013, Euro 48,000 u ghalhekk il-Kunsill sa l-ahahr ta' Marzu 2014, spicca bis-somma ta' Euro 22,000.

Din il-figura ggib il-Finacial Indicater ta' -21% li qeda taht it-10% Finacial Indicator kif titlob il-ligi finanzjarja tal-Kunsilli. Il-Kunsill jaf li din is-sitwazzjoni hija minhabba xoghlijiet li kienu saru fuq il-PPP. *Quartley Report No.1*

Il-Kunsill approva dan ir-rapport u wara gie ffirmat mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Ezekuttiv. Paul J. Pace.

## 5 Impjegata Gdida

i Is-Segretarju Ezekuttiv Paul J. Pace qal li bhal ma jaf il-Kunsill , il-Kunsill kien hareg vakanza ghal impieg ta' Skrivana fuq livel ta' Officer in Scale 15, peress li kienet irrenzjat skrivana mil-Kunsill li kienet is-Sinj. Maria Aquilina. Wara li saret il-call min fost il-Kunsilli kollha ta' Malta u ghawdex kif titlob i;-ligi tal-Kunsilli Lokali, kienet dahlet applikazzjoni wahda tas-Sinjua Denise Vella . Il- Kunsill baghat ghalija u wara li waqqaf board ghall interview. Dan il-Board ghamilla interview, i s-sinjura Dennise Vella kien ila skrivana fil-Kunsill ta' Tax-Xbiex, fejn hija taghmel xoghol ta' customer care u kapaci taghmel x-xoghlijiet kollha mehtiega min dan il-Kunsill. *Impjeg ta' Skrivana*

Il-Kunsill unimament qabel li ghandu jimxi mar-rakomandazzjoni tal-board u ghaldaqstant is-Sinjura Demmise Vella gie approvata sabiex tigi ngaggata bhala skriva fuq skala 15 fil-Kunsill ta' Hal Tarxien.

ii Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li l-Kunsill kellu l-approvazzjoni u ghad ghandu l-approvazzjoni sabiex jekk irid ikun jista' jingagga persuna ohra Klerikali fil-Kunsill. Huwa talab l-0pinjoni tas-Segretarju Ezekuttiv fuq dan l-ingag. *Impjeg iehor*
Is-Segretarju Ezekuttiv Paul J. Pace qal li ghalkemm il-Kunsill ghandu bzonn ta' persuna ohra. Huwa jhoss li bhalissa peress is-sitwazzjoni finanzjarja ma tippermentix lil Kunsill li jonfoq aktar flus, mil-l-inqas sa Dicembru 2014, il-Kunsill izomm dan l-ingag on Hold, u meta jkun f'pozizjioni finanzjarja tajjeb, ikun jista' jimpjega persuna ohra.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv.

## 6 Rapport tal-Kunsilliera:

Il-Vici Sindku s-Sur Paul Farrugia qal li huwa staq jissuggerixxi , Kurunell Mas bejn l-ewwel parti u tieni parti fejn hemm ir-Round about il-parti l-baxxa, minna qed jgħaddu ħafna karozzi, u

huwa jixtieq li l-Kunsill jikteb lill-TM, sabiex jimplimentaw sistema ahjar li tkun ufficjali kif jaddu l-karozzi.

Il-Kunsillier Frans Aguis qal li l-korsijiet tal-IKIDS se jibdew mid-29 ta' Gunju 2014. Huwa kompla jghid li bhal lum xahar se jkun Jum Hal Tarxien, u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jaghmel xi preparamenti ghal dan il-Jum.

Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li peress li ninsabu f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' flus il-Kunsill irid joqghod attent hafna li ma jintefqux flus bhas-snien ta' qabel ghal waqt din l-attivita.

Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li huwa jipproponi li ghal Jum Hal-Tarxien issir Quddiesa u ssir Korteo flimkiem mal Iscouts.

Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li c-certifikati tal-Airobics kien se jaghmilhom, u jitqasmu dak min-nhar fejn il-Munument wara l-Korteo. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li nhar is-Sibt 28 ta' Gunju 2014, jixtieq jorganizza Fun Walk, li ser tkun qeda issir bejn id-9.00am u l-10.00am.

Huwa qal li ghal habta ta' Settembru 2014, se jerga jorganizza z-Zumba, u aktar tard wara li l-Kunsill ikun ghamel ir-review sabiex jistabbillixi kif se jkunu l-fondi tal-Kunsill huwa se jaghmel it-talba tieghu sabiex jara kemm il-Kunsill se jkun jista' jalloka fondi ghal din l-attivita.

Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li ghas 16 ta' Lulju se jorganizza gurnata ghal Kemuna ghaz-zaghzagh, u talab lil-Kunsill li jhallas it-Trasport li se jkun jiswa madwar Euro 70. Il-Kunsill qabel unimament li jhalls it-Transport.

Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li nhar is-Sibt 14 ta' Gunju 2014, bejn id-9.00am u 12.00pm sejra ssir attivita ohra ta' gbir ta' hwejjeb u Mobiles qodma.

Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li x-xahar li ghadda kienet organizzat harga ghal okkazzjoni tal-Mother's Day, fejn attendew madwar 80 persuna u ntara vazun kull wiehed mil-flus li ngabru ghal din il-harga. Hija qalet li se torganizza harga ghat tfal u wahda ghall ghawdex. Hija qalet li ghanda bzonn li jigi ssudjat it-Transport tat-tfal li hija ta' Euro 80., Il-Kunsill qabel

Is-Sindku is-Sur Joseph Abela qal li kellu talba ghal Zebra Cross gewwa Palm Street, ftit il-fuq min taz-zebba. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil TM sabiex tigi fit tarf ta' B'Bugia Road.

Is-Sindkus-Sur Joseph Abela qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsillier jiddecida jekk hux se jippublika l-Magazine tal-Kunsill, dan jiswa lil-Kunsill madwar Euro 2000. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li ghalissa ahjar il-flus jintefqu bfi prijoritajiet ohra, u wara jekk il-fondi jippermettu dan isir.

## 7 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar 24 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**